

*Konvenuti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġent, assistit inizjalment minn D. Geradin u N. Tuominen, sussegwentement minn N. Tuominen, avukati); u Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti)

### Suġġett

Rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit insegwitu għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1355/2008, tat-18 ta' Diċembru 2008, li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippreżervat (prinċipalment il-mandolin, eċċ.) li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 350, p. 35), iddikjarat invalidu mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 2012, GLS (C-338/10, Ġabra EU:C:2012:158).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Hüpeden & Co. (GmbH & Co.) KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 212, 07.07.2014.

---

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2015 – Bopp vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' qafas ottagonali aħdar)

(Kawża T-209/14) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta qafas ottagonali aħdar — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”*

(2015/C 389/51)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Carsten Bopp (Glashütten, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Russ, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn A. Pohlmann, sussegwentement minn S. Hanne, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Jannar 2014 (Każ R 1276/2013-1), dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta qafas ottagonali aħdar bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Carsten Bopp huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 151, 19.5.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2015 – Klement vs UASI – Bullerjan (Forma ta' forn)**

(Kawża T-211/14) (<sup>1</sup>)

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ revoka — Trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta’ forn — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikolu 15(1)(a) u Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Natura tal-użu mit-trade mark — Forma li tvarja permezz ta’ elementi li ma jbidllux il-karattru distintiv”]

(2015/C 389/52)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Toni Klement (Dippoldiswalde, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Weiser u A. Grohmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: A. Poch, D. Botis u A. Schifko, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Bullerjan GmbH (Isernhagen-Kirchhorst, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Jannar 2014 (Każ R 927/2013-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Toni Klement u Bullerjan GmbH.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Toni Klement huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 245, 28.7.2014.